MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2006

Numru 688/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH CORDINA**

**VS**

**SILVIO DEBONO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Silvio Debono, ta’ 35 sena, bin Annetto u Rosaria nee’ Vella, imwieled gewwa Tas-Sliema nhar l-4 ta’ Mejju, 1971, residenti fil-fond imsejjah Silmar, Triq Indri Micallef, Luqa, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 204171(M);

Akkuzat talli:

1. Nhar id-29 ta’ Mejju, 2006 u fiz-zminijiet ta’ qabel, f’Hal-Qormi, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti il jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew

maghmulin b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm1,000.00 (elf lira maltin), bi hsara tas-socjeta' General Soft Drinks Company Limited;

2. U kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz, jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom, jew kellhom jippruvaw;

3. U fl-ahharnett talli fl-istess cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu mill-istess skrittura jew skritturi foloz.

Wara li rat id-dokumenti eseibit;
Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat, fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat Silvio Debono hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta’ prigunerija ghal zmien sena (1), sospiza ghal tlitt (3) snin, *ai termini* tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

*Inoltre* din l-istess Qorti tornda lill-imputat ihallas is-somma ta’ elf, seba’ mija, u tlieta u hamsin lira maltin (Lm1,753.00) lis-Socjeta’ General Soft Drinks Company Limited bhala hsara sofferta mill-istess socjeta’ fi zmien sitt (6) xhur mill-lum, *ai termini* tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------